**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 90/22 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 1831/1988)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi hija zzewget lill-intimat C B fil-hamsa ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija tmienja u tmenin (05.10.1988) fir-Registru taz-Zwiegijiet fil-Belt Valletta u z-zwieg ta' dina l-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv mija elf tmien mija wiehed

u tletin tas-sena elf disgha mija tmienja u tmenin (1831/1988) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa' ta' tmienja ta' Gunju tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (08.06.1995) - (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni- Dok B).

3. Illi ulied il-partijiet huma maggorenni;

4. Illi ghaddiet aktar minn sena mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal partijiet.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha ma' C B hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2022;

Rat illi l-intimat debitament notifikat,, ma deherx u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Gunju 1995;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.